DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 142415** **20. 10. 2014**

**L-ORGANIZAZZJONI NISA LABURISTI JAGĦMLU ŻJARA TA' KORTESIJA LILL-ISPEAKER TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI**

Aktar kmieni matul il-jum, l-iSpeaker Anġlu Farrugia, kellu żjara ta' kortesija mill-Eżekuttiv tal-Organizazzjoni Nisa Laburisti.

Matul il-laqgħa, l-iSpeaker fakkar li pajjiżna kien minn dejjem fuq quddiem fl-involviment tal-mara, tant li l-Parlament Malti kellu l-ewwel Ministru mara fl-1955, is-Sinjorina Agatha Barbara, li wkoll kienet l-ewwel mara bħala President tar-Repubblika fl-1981. L-iSpeaker irrefera wkoll għall-ewwel Speaker mara tal-Kamra tad-Deputati, Miriam Spiteri Debono, tul il-leġislatura 1996 – 1998.

Huwa semma d-diffikultajiet li tiffaċċja l-mara fil-politika maltija u tenna li taħt il-presidenza tieghu, ser tkun qed tinżamm konferenza f'pajjiżna dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika. Din il-konferenza ser tkun qed tiġi organizzata flimkien mal-ODIHR( l-uffiċċju dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fi ħdan l-OSCE), il-Kummissarju Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza u l-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa f'Malta.

Waqt l-istess laqgħa, l-iSpeaker qal ukoll li l-Parlament Malti għandu jkun *family friendly* u dan iseħħ b'emendi fl-*istanding orders* sabiex il-Parlament jiltaqa' f'ħinijiet aktar adekwati għall-ħtiġijiet tal-familja ta' llum.

L-Eżekuttiv tal-Organizazzjoni Nisa Laburisti kien imexxi mill-President tal-Eżekuttiv Claudette Abela Baldacchino.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt